# ĠITA GĦALL-IŻVEZJA
# GĦALL-ISTUDENTI U Ż-ŻGĦAŻAGĦ
**11 – 16 ta' Settembru 2017**

**PROGRAMM FANTASTIKU INTIŻ L-IKTAR GĦALL-ADOLOXXENTI U Ż-ŻGĦAŻAGĦ TAL-ORATORJU DON BOSCO. INŻURU BLIET BĦAL GOTHENBURG FL-IŻVEZJA, COPENHAGEN FID-DANIMARKA U OSLO FIN-NORVEĠJA, KIF UKOLL POSTIJIET OĦRA TA' SBUĦIJA NATURALI U TA' DIVERTIMENT. INKUNU ALLOĠĠJATI F'LUKANDA WAĦDA FIĊ-ĊENTRU TAL-BELT TA' GOTHENBURG.**

**It-Tnejn 11 ta' Settembru: Għawdex - Malta - Copenhagen - Gothenburg**

Tluq minn Għawdex mal-vapur tat-3.30am. Nagħmlu ċ-"*check-in*" mar-*Ryanair* fuq it-titjira FR 7791 għal Billund *(Danimarka).* It-titjira tħalli Malta fis-6.40am u naslu l-ajruport ta' Billund *(fid-Danimarka)* fl-10.05am. Bil-*coach* privata u *air-conditioned* tagħna immorru lejn il-belt kapitali tad-Danimarka Copenhagen, il-belt mimlija kanali sbieħ, triqat dojoq u djar qodma, magħrufa wkoll bħala l-*Little Ansterdam*. Ikollna ħin induru xi attrazzjonijiet ewlenin tal-belt bħat-*Town Hall*, il-*Funtana Gefion*, il-monument ta' *Hans Christian Anderson*, id-djar tipiċi antiki f'xatt il-baħar tan-*Nyhaven* u l-istatwa simpatika tal-*Little Mermaid* f'xatt il-baħar. Naraw ukoll il-Kastell *Christiansborg* fejn illum jiltaqa' l-Parlament Daniż. Tard waranofsinhar nitilqu bil-coach u naqsmu l-itwal bridge tal-Ewropa li jgħaqqad lid-Danimarka mal-Iżvezja. Naslu fil-belt ta' Gotenburg, it-tieni l-ikbar belt tal-Iżvezja tard filgħaxija. Sistemazzjoni fil-lukanda u rqad.

**It-Tlieta 12 ta' Settembru: Gothenburg - Stora Hoga**

Wara l-*breakfast* noħorġu nduru dawra maċ-ċentru tal-belt ta' Gothenburg. Nimxu l-ewwel tul il-famuża *Kungsportsavenyn*, li hi t-triq ewlenija f'Gothenburg, magħrufa l-iktar għall-ħwienet u r-restoranti, li b'tul ta' madwar kilometru minn ħdejn il-baħar fejn il-belt il-qadima ta' Gothenburg tasal sal-pjazza *Gotaplatsen*. Inżuru l-Katidral ta' Gothenburg mibni fl-1815, il-*Christinae Church*, knisja ġermaniża mibnija fl-1748, il-*Crown House*, bini tas-seklu sbatax fejn għal żmien kien jiltaqa' l-Parlament Zvediz. Naraw ukoll l-*Goteborg Opera House*, l-*Oscar Fredrik Church*, l-ikbar u l-isbaħ knisja ta' Goteborg, u jekk jibqagħlna ħin nitilgħu fuq il-*Gulhedstornet* minn fejn f'livell ta' 130 metru nġibu taħtna il-portijiet qodma u ġodda li jdawwru l-belt ta' Gothenburg. Wara l-ikel nitilqu lejn Stora Hoga, fejn l-ewwel ikollna żjara ta' familjariżazzjoni mal-inħawi, u aktar tard niltaqgħu maż-żgħażagħ żvediżi. Nidħlu lura l-lukanda tard filgħaxija. Ċena u rqad.

**L-Erbgħa 13 ta' Settembru: Oslo**

Tluq kmieni bil-coach lejn il-belt kapitali tan-Norveġja, Oslo, vjaġġ ta' madwar tlett siegħat u nofs. X'ħin naslu nibdew niskopru t-triq prinċipali Karl Johann, il-Parlament u l-Palazz Irjali. Immorru naraw *Aker Brygge*, is-*City Hall*, il-fortizza *Akerhuss* li tgħasses sew il-belt kapitali norveġlża, kif ukoll il-*Vigeland Sculpture Park* fejn hemm 'il fuq minn 200 skultura fil-bronz, granit u ħadid tal-iskultur norveġiż Gustav Vigeland. Jekk ikollna ħin nittawwlu wkoll sal-*Viking Ship Museum* jew sal-Mużew tal-*Kon Tiki*. Ftit 'il barra miċ-ċentru tal-belt naraw ukoll ġewwa *Hermenkollen* il-famuża *Ski Jump*. Lura Gothenburg tard filgħaxija.

**Il-Ħamis 14 ta' Settembru: Gothenburg - Solberga**

Wara l-*breakfast* illum noħorġu miċ-ċentru tal-belt bit-tram, biex imbagħad b'dgħajjes apposta inżuru l-ambjent mill-isbaħ tas-Southern Gothenburg Islands. Dawn huma grupp ta' gżejjer żgħar fl-estwarju tax-xmara Gota, gżejjer li kienu mportanti ħafna fi żmien il-Vikingi. F'dawn il-gżejjer b'popolazzjoni ta' madwar 5000 ruħ m'hemmx karozzi. Fost l-oħrajn fuq dawn il-gżejjer nistgħu naraw l-*Alvsborgs Fortress* li tmur lura għas-seklu 17, il-*Vinga* - l-aħħar post ta' Gothenburg qabel il-baħar, kif ukoll il-binja barokka tal-*Gunnebo House & Gardens*. Jekk jibqa' ħin inżuru wkoll il-Kastell *Tjoloholm*. Wara nofsinhar inħallu ftit ħin liberu għax-*shopping*. Iktar tard bil-coach immorru sa Solberga fejn l-ewwel ikollna laqgħa maż-żgħażagħ żvediżi, u wara xi attivitajiet magħhom. Lura fil-lukanda tard filgħaxija.

**Il-Ġimgħa 15 ta' Settembru: Gothenburg**

Wara l-*breakfast* noħorġu għal ftit ħin *shopping*. Min irid jista' wkoll jieħu dawra mill-isbaħ bid-dgħajsa madwar il-belt qadima ta' Gothenburg. Waranofsinhar immorru l-Liseberg

Amusement Park, li huwa l-ikbar *amusement park* tal-Iskandinavja, b'attrazzjonijiet għal nies ta' kull eta': tfal, żgħażagħ u kbar. Lura fil-lukanda filgħaxija għall-Irqad.

**Is-Sibt 16 ta' Settembru: Gothenburg - Malta - Għawdex**
Nieħdu l-*breakfast* kmieni biex mat-8.00am mil-lukanda nitilqu bil-*coach* lejn l-ajruport ta' Skavsta *(qrib Stockholm)* biex naqbdu t-titjira FR 1684 tar-Ryanair. L-ajruplan jitlaq fil-3.15pm. Naslu Malta fis-7.05pm u nibqgħu ġejjin Għawdex bil-vapur tad-9.00pm.

**Prezz:**
*Il-prezz ta' din il-ġita se jkun ta' €750 (jista' jvarja xi ftit skont il-biljetti li nilħqu tar-Ryanair).*
Il-Prezz jinkludi: * **Titjira** mar-Ryanair Malta - Billund (Danimarka) u Skavsta (Żvezja) - Malta

- **Taxxi** tal-ajru, ***Reserved Seat*** u **Ħlas** għal bagalja ta' 20kg.
- **Akkomodazzjoni** fil-lukanda *City Hotel Avenyn* fiċ-ċentru ta' Gothenburg fuq bażi ta' *Bed & Breakfast.*
- ***Transfer*** bil-*coach* bl-arja kundizzjonata mill-ajruport ta' Billund u għall-ajruport ta' Skavska.
- ***Transfers*** bil-*coach* bl-arja kundizzjonata mil-lukanda f'Gothenburg għal Stora Hoga u Solberga u lura, kull darba li jkollna xi laqgħat u attivitajiet mal-iżvediżi.
- ***Excursions*** bil-*coach* f'Copenhagen (Danimarka) u għal Oslo (Norveġja)

***Il-Prezz ma jinkludix:***
a. Ħlasijiet ta' dħul f'mużewijiet, torrijiet jew attrazzjonijiet oħra
b. *Insurance*
c. Ikel (ħlief l-*Breakfast*) jew xorb ieħor.
d. Trasport pubbliku f'Gothenburg.
e. Trasport minn Għawdex lejn l-ajruport ta' Malta u lura.

**Il-postijiet huma limitati.**
***Booking (fuq il-bażi ta' first come, first served)*:**
Fr. Effie Masini (Oratorju Don Bosco). *(Tel. 21556616 / 99487751)*
***Malli l-grupp jingħaqad jintalab depożitu ta' €200*** *biex ikun garantit il-post. Dan jitnaqqas mill-ammont finali. Għal aktar tagħrif kellmu lil Fr. Effie Masini.*